MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2009

Citazzjoni Numru. 39/2003

Clementa mart Vincent Xuereb; Angelo Debono; Joseph Debono; Maria mart Alfred Attard; Mary mart John Vella; Doris mart George Fenech; Concetta mart Joseph Mercieca, Carmela mart Angelo Said; Maria mart Frank Grima; Rosa mart Frank Cremona; Karmnu Xerri; Rosa mart Emanuel Xuereb; Guzeppi Xerri; Pawlu Xerri; Emmanuel Xerri; Toni Xerri; Rita mart Joe Mizzi; Giuseppa xebba Xerri; Mary Rose mart Joseph Xuereb; Frans Cassar; Joseph Cassar; Paul Cassar; Toni Cassar; Carmela mart Kelinu Agius; Concetta mart Angelo Mifsud; Maria mart John Fiteni; Emanuel Mizzi; John Spiteri; Antoinette mart Gregory Broutzac; Michelina mart Lawrence Xerri; Carolina mart John Spiteri; Joseph Buttigieg; Carmel Buttigieg; Mary Rose mart Alfred Xerri; Michael Buttigieg; M’Antonia mart Emanuel Buttigieg; Mario Buttigieg; Michael Buttigieg; Frank Buttigieg; Anthony Buttigieg; Josephine xebba Buttigieg; Guzeppa mart Michael Camilleri; Frans Buttigieg; Grace mart Anthony Vassallo; Michelina mart Nazzareno Vella; Carolina mart Anthony Agius; Maria mart Angelo Cefai;

Frans Attard; Giuzepp Borg kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' Rose mart Vincent Demanuele; Emanuel Grima ghan-nom ta' Mary mart Charles Grima; u Frank Borg kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' Agnes mart Dennis Saliba, John Borg, Esther mart John mcPhee, Mary mart Ralph Ross, John Borg, Linda mart James Whitlock, Joanne Dolores mart Francis Pardy, Rose mart Joseph Petraitis, Frank Bacchiani, Joseph Borg, Jeremy Borg, Amanda mart Anthony Irving, Joseph Cordina, Dolores mart Marshall Barrash, Mary Anne mart Brian Sutton, Paul Attard, John Attard, Judy mart Woody William Best, Joseph Borg, Helen mart William Fuchs, Jimmy Borg, Joseph Borg – kif debitament awtorizzat

-Vs-

Rose mart Angelo Muscat u Josephine xebba Buttigieg

**Successjoni – Preskrizzjoni Akkwizittiva – Artikolu 2143 tal-Kodici Civili – Eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva m'hijiex kompatibbli ma' eccezzjoni li l-konvenuti ma jopponux li ssir il-qasma ta' wirt.**

Din hi sentenza parzjali u tittratta l-eccezzjoni ulterjuri li nghatat mill-konvenuti permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fit-8 ta' Ottubru 2008 (fol. 611).

Permezz ta' din il-kawza[1], l-atturi qeghdin jitolbu l-qasma tal-wirt ta' Francis u Rosa konjugi Buttigieg li mietu fis-16 ta' Ottubru 1914 u 5 ta' Mejju 1924 rispettivament. Il-konjugi Buttigieg kellhom sitt (6) ulied. Skond testment *unica charta* li sar fis-6 ta' Lulju 1914 huma ordnaw li l-werrieta taghhom ikunu (fol. 424):-

a. F'sehem ugwali lil uliedhom Salvu, Pawlu, Joseph, Ganni u Maria mizzewwga lil Peter Mizzi;
b. Parti minn erbgha u ghoxrin (1/24) favur ulied binthom il-mejta Carmela mart Ganni Vella, u cioe' Clementina mart John Borg, Maria mart Grezzju Attard,

[1] Citazzjoni prezentata fit-30 ta' April 2003.

Giuseppa mart Rosario Cordina u Rosina mart Pawlu Borg ahwa Vella.

Skond l-alberu genealogiku a fol. 116 jirrizulta li l-konvenuti huma mnissilin mil-linja ta' Maria Mizzi li kellha erbat (4) itfal (Rosa Xerri, Carmela Mizzi, Francis u Guseppa Attard), wahda mit-tfal ta' Francis u Rosa konjugi Buttigieg li permezz ta' din il-kawza qieghed jintalab il-qasma tal-wirt taghhom.

Waqt is-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008 il-konvenuti ddikjaraw li l-proprjeta' meritu ta' din il-kawza hi proprjeta' taghhom bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin (30) sena, u talbu li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri. Dakinhar stess il-qorti laqghet it-talba tal-konvenuti u fit-8 ta' Ottubru 2008 ipprezentawha (fol. 611) u eccepew :

*"hekk kif permessa minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet taghha tat-2 ta' Ottubru, 2008, l-esponenti jixtiequ jeccepixxu **l-preskrizzjoni akkwizittiva trenetennali ta' l-artikolu 2143 tal-Kodici Civili.**"*.

L-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili jipprovdi:

***"L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi."***.

Min-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fit-30 ta' Dicembru 2008 (fol. 635), hu altru milli evidenti li l-konvenuti jippretendu li l-kwoti kollha formanti parti mill-wirt ta' Francis u Rosa konjugi Buttigieg saru proprjeta' taghhom bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena. Isostnu li *'…..min jallega l-preskrizzjoni jehtieg li jkun* ***ippossieda l-wirt (jew il-legat) b'mod esklussiv cjoe' tali li mpedixxa lill-koeredi l-ohra li juzufuwixxu jew jgawdu il-beni komponenti l-wirt (jew il-legat).*** *Ghalhekk dana jkompli jsahhhah il-punt tal-konvenuti li matul iz-zmien mhux biss zammew il-proprjeta in kwistjoni izda hadmu qua sidien sabiex jiehdu l-pussess lura ta' diversi minn dina l-proprjeta' kif ukoll hadu hsieb jigbru l-*

*qbiela fuq diversi proprjetajiet ohra.’* (fol. 642). Ghamlu wkoll riferenza ghall-Artikolu 714 tal-Kodici Civili Taljan li jaqra :-

*‘Puo’ domandarsi la divisione anche quando uno o piu’ coeredi hanno goduto separatamente parte dei beni ereditari, salvo che si sia verificata l’usucapione per effetto di possesso esclusivo.’*;

u ghall-sentenza tal-Qorti Kassazzjoni Taljana li kkonfermat li ko-eredi jista’, qabel il-qasma, jakkwista permezz tal-uzukapjoni l-kwota tal-werrieta l-ohra minghajr il-htiega li jkun hemm interversjoni ta’ pussess. F’dan il-kuntest hi wkoll rilevanti sentenza ohra tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana li nghatat fil-15 ta’ Mejju 1986 :

*‘In applicazione degli art. 714, 1142 e 1164 c.c., anche prima della divisione il coerede puo acquistare per usucapione la quota o il compendio ereditario per l’intero, ove egli abbia posseduto per il tempo necessario ad usucapire, animo domini, in modo esclusivo e incompatibile con la possibilta’ di fatto di un godimento comune con il coerede cui appartiene la quota o con tutte gli altri coeredi, e cio senza che sia necessario, a differenza che nel caso del precarista, una interversione del titolo del possesso.*[2,3].

L-Artikolu 498 tal-Kodici Civili (simili ghall-Artikolu 714 tal-Kodici Civili Taljan) jipprovdi :-

*‘Il-qasma tista’ tintalab ukoll ghad illi wiehed mill-komproprjetarji jkun gawda separatament bicca mill-beni in komuni, izda dan kemm-il darba ma tkunx saret qasma jew ma jkunx hemm pussess bizzejjed li jaghti lok ghall-preskrizzjoni.’*[4].

---

[2] Fis-sentenza **Grazia Borg vs Rosa Farrugia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Marzu 1957 (Volum XLI.i.168) il-qorti kkonfermat li min jibda jippossjedi l-haga komuni b’mod separat, esklussiv u animo domini jista’ jippreskrivi ghad-dannu tal-konsorti l-ohra minghajr bzonn li jkun hemm inversjoni ta’ pussess.

[3] Ara *L’Usucapione, La casistica giurisprudenziale di acquisto della proprieta’ di beni mobili e immobili e di altri diritti reali attraverso il decorso del tempo*, K. Mascia (Haley Editrice, 2007) pagna 93.

[4] Applikabbli in forza tal-Artikolu 907 tal-Kodici Civili *‘Fuq il-Qasma’*.

Wirt hu l-kaz tipiku ta' *universitas juris*[5]*.* Bhala tali jista' jkun oggett ta' kuntratt li jeffettwa l-elementi kollha attivi u passivi li jifformaw parti minnu (ara Artikolu 912 tal-Kodici Civili). Fis-sentenza **Borg vs Cuschieri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar 1897[6], gie konfermat li wirt jista' jigi akkwistat bil-preskrizzjoni; *"Atteso che per riconoscere se uno, tra piu' chiamati ad un eredita', abbia, per prescrizione, acquistato, a danno degli altri, l'eredita' evoluta, facendola sua per intero, e' necessaria la prova irrefragibile di un possesso pubblico ed esclusivo, in cui l'animo di godere tutta l'eredita' a proprio vantaggio si manifesti in mod non equivoco. Ricorrono spesso dei casi in cui un coerede, col tacito consenso degli altri coeredi, amministri l'intera eredita', e faccia di fronte ai terzi atti da unico erede, ma per lunga che sia tale gestione, egli non puo' repellere azione di divisione promossa dagli altri, allegando di essere divenuto unico erede per effetto della prescrizione, ostandogli la precarieta' del godimento."*.

Inoltre, *'Sono eredi tanto colui che succede per l'intero (heres ex asse) quanto coloro che succedono in una quota ideale (heredes ex parte).* ***<u>In una quota, e non in una parte ; quota vuol dire frazione matematica del tutto</u>*** *: si puo' essere eredi per una meta', per un decimo o per un cinquantesimo.* ***<u>Questa quota, come frazione dell'asse, in mancanza di speciali indicazioni, e' una quota composita, che comprende una parte di tutte le varie componenti del patrimonio ereditario (immobili, mobilia, gioelli, titoli, crediti, ecc.</u>****'* (*Istituzioni di Diritto Civile*, A. Trabucchi[7]). Kull werriet hu kompossessur *pro invidiso* ta' kull wiehed mill-immobbli li jifforma parti mill-eredita'. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Dr Xuereb vs Dr Cassar** (Volum X 938) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 1885, fejn gie dikjarat : *'Atteso che, non ostante che la porzione*

[5] *"Nell'universalita' di diritto la pluralita' di rapporti connessi e' ridotta a unita' per volonta' di legge senza che vi sia un nesso economico e senza la necessita' di un aggregazione materiale tra i suoi eterogenei elementi. A differenza dall'universitatis fact, comprende caratteristicamente anche elementi passivi, e possono farne parte sia beni mobili sia beni immobili o diritti relativi agli stessi."*; ibid A. Trabucchi, p. 538.
[6] Volum XVI.ii.4.
[7] 43 Edizzjoni, Cedam (2007) pagna 426.

*delle terre Ta' Gherex fu all'attore assegnata in contratto di divisione del 5 marzo 1885, dopo cioe' la liberazione a favore del citato di altra porzione gia' posseduta dal debitore esecutato, tuttavia, avendo la porzione assegnatagli formato parte dell'asse ereditario di Rosa spiteri, morta il 5 gennaio 1882, **esso attore, come uno dei coeredi della stessa, ai quali fu devoluta la eredita' in sin dalla morte della stessa, <u>era pure uno dei compossessori pro indiviso di ciascuno degli immobili attinenti a quella eredita'</u>, tra i quali la porzione Ta' Gherex, che dopo l'assegnazione rimane divisamente da lui posseduta.**'*.

Bla dubju koeredi li jinvoka l-preskrizzjoni akkwizittiva ghandu l-oneru tal-prova li r-rapport materjali mal-kwota ereditarja ivverifika ruhu f'manjera li jeskludi, b'mod palez, lill-koeredi l-ohra mill-possibilta' li jinstawraw rapport mal-istess.

Il-konvenuti Rose Muscat u Guzeppa Buttigieg huma ahwa (ulied Maria Assunta mart John Buttigieg) u ghazlu li ma jixhdux. Bhala xhud ressqu lil Angelo Muscat (ir-ragel tal-konvenuta).

Jidher li l-konvenuti nsew li wahda mill-eccezzjonijiet li taw fin-nota tal-eccezzjonijiet li pprezentaw fit-22 ta' Mejju 2003 (fol. 122) taqra hekk:

***'Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti ma jopponux u qatt ma opponew li ssir id-divizjoni mitluba mill-atturi salv illi jigu verifikati l-assi in divizjoni u salv illi jigu verifikati wkoll il-kwoti spettanti lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti u kwindi ma ghandhom ihallsu l-ebda parti mill-ispejjez ta' din il-kawza.'***.

Minn din l-eccezzjoni hu evidenti li f'dak l-istadju l-konvenuti kienu qeghdin jaqblu li :-

(a) Ghad trid issir il-qasma tal-wirt ta' Francis u Rosa konjugi Buttigieg;

(b) M'humiex jopponu l-qasma tal-wirt, b'dan li gustament trid tigi verifikata l-kwota ta' kull wahda mill-partijiet. Sahansitra jippretendu li ma ghandhomx ibaghatu spejjez, ovvjament ghaliex ma kienux qeghdin jopponu l-qasma tal-wirt.

Fil-fehma tal-qorti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva hi nkompatibbli mal-eccezzjoni li nghatat fit-22 ta' Mejju 2003, cjoe' li m'hemmx opposizzjoni li ssir il-qasma tal-wirt. M'hemmx dubju li b'dik l-eccezzjoni l-konvenuti ma kienux qeghdin jipprospettaw pussess esklussiv tal-gid kollu, u tgawdija separata tal-beni ereditarji kollha tali li jqiesu lilhom infushom bhala proprjetarji tal-kwoti ereditarji kollha tal-wirt. Anzi jaccettaw li trid issir il-qasma tal-wirt tal-konjugi Buttigieg, u b'hekk :-

(a) ma jistax ikun li kellhom l-animu li jgawdu l-eredita' u dak kollu li jifforma parti minnha b'mod esklussiv u ghalihom infushom biss; u f'kull kaz

(b) b'dik id-dikjarazzjoni kienu qeghdin volontarjament jirrinunzjaw b'mod implicitu ghad-dritt li jissollevaw eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni akkwizittiva bil-mod li nghatat. Dikjarazzjoni li hi nkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt li qeghdin jippretendu li ghandhom il-konvenuti, cjoe' li huma l-proprjetarji **tal-wirt kollu** ta' Francesco u Rosa konjugi Buttigieg bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin (30) sena.

Ma jistax ikun li wara tmien (8) snin li ghamlu dikjarazzjoni simili fin-nota tal-eccezzjonijiet, il-konvenuti jippretendu li huma l-proprjetarji tal-kwoti ereditarji kollha in forza tal-preskrizzjoni akkwizittiva.

Inoltre, l-konvenuti jsostnu li l-wirt minn dejjem kien fil-pussess tal-konvenuti u l-axxendenti taghhom ghal kwazi seklu shih, u taw ezempji biex juru li dan kien pussess *animo domini*. Jekk din hi l-verita', il-konvenuti ma taw l-ebda spjegazzjoni kif per ezempju:-

(a) Fit-19 ta’ Marzu 1964 sar kuntratt ta’ bejgh fl-atti tan-nutar Dr Giuseppe Cauchi (fol. 396). Permezz ta’ dan il-kuntratt Assunta Buttigieg bint Rose u Joseph Xerri (Assunta Buttigieg hi omm il-konvenuta Rose Muscat) xtrat minghand werrieta ohra artijiet fil-kuntrada ta’ Grunju, Nadur. Fil-kuntratt gie dikjarat li l-provenjenza tal-immobbli in vendita hu l-wirt ta’ Francesco Buttigieg li miet fis-16 ta’ Ottubru 1914, Rosa Buttigieg li mietet fil-5 ta’ Marzu 1924, u Maria Attard xebba Vella (wahda mit-tfal ta’ Carmela mart Ganni Vella u bint it-testaturi konjugi Buttigieg li mietet fl-4 ta’ Awwissu 1910). Mill-alberu genealogiku (fol. 116)[8], jidher li fid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-1964, minn ulied Francis u Rosa konjugi Buttigieg kien ghadu haj biss Ganni Buttigieg (miet fit-12 ta’ Settembru 1968). Fil-fehma tal-qorti dan il-kuntratt jikkontradici t-tezi tal-konvenuti;

(b) Fil-kopja tar-ricevuti ta’ qbiela ta’ art fi Triq ix-Xatt, Nadur li pprezentaw, datati 4 ta’ Ottubru 1972 u 18 ta’ Settembru 1973 (fol. 578), jinghad li kien qieghed isir hlas ta’ qbiela minn Kurun Attard u taht il-firma ta’ Joseph Buttigieg (missier il-konvenuta Rosa Muscat) hemm il-kliem ***<u>‘f’isem il-werrieta’</u>***. Il-konvenuti jaqblu li r-raba’ li tissemma fl-ircevuti hi dik oggett tal-kuntratt li sar fid-9 ta’ Frar 1899 fl-atti tan-nutar Dr Giuseppe Camilleri (fol. 413) li permezz tieghu Francesco Buttigieg xtara *‘…una porzione di terra situata nei limiti del Casale Nadur in contrada ‘ta Trick ta Xiatt’ e cosi’ pure denominata, consistente in un sol pezzo della capacita’ di tre mondelli, misure otto e tre quarti di una misura, confinata da levante con strada pubblica, da tramontana con beni di Francesco Mercieca e da mezzodi’ in parte con strada pubblica ed in parte con degli eredi di Angelo Camilleri – franca e libera da ogni peso…..’*. Tant hu hekk li fin-nota li pprezentaw fis-7 ta’ April 2008 (fol. 577) ddikjaraw li r-raba’ li tissemma fil-kuntratt tal-1899 (Dok MZ), *‘…**din l-istess art** kienet imwellija lil terzi u dawna sa minn dejjem hallsu l-istess qbiela lil omm l-kovenuti Sunta Buttigieg u aktar tard lill-konvenuti stess.’*. Pero naqsu milli jsemmu li l-hlas ta’ qbiela kienu qeghdin jircevuh ghan-nom tal-werrieta, kif

[8] Li ma giex kontestat mill-konvenuti.

jirrizulta mid-dokumnti fuq imsemmija. Dikjarazzjoni li fil-fehma tal-qorti teskludi l-pussess *uti dominus* in kwantu m'huwiex kliema ta' min iqies lilu nnfisu proprjetarju assolut.

(c) Fir-rigward tal-porzjon art fil-kontrada ta' Wied Bingemma, Nadur li nxtrat minn Francesco Buttigieg fl-10 ta' Frar 1912 b'kuntratt fl-atti tan-nutar Francesco Gauci (fol. 419), Angelo Muscat iddikjara li *'din il-proprjeta ta' circa siegh u sitt (6) kejliet hija mqabbla ghand terzi maghrufa bil-laqam ta' Storja izda ma humiex qed ihallsu ebda qbiela lill-konvenuti.'*. M'hemmx kontestazzjoni li din ir-raba' tifforma parti mill-wirt ta' Francesco u Rosa konjugi Buttigieg. L-atturi pprezentaw il-kuntratt ta' akkwist ta' din il-porzjon art, u fis-seduta li saret quddiem il-periti fl-24 ta' Lulju 2008 id-difensur tal-konvenuti ddikjara: *'ghar-rigward tal-proprjetajiet indikati b'kuntratti u site plans fin-nota ta' l-atturi tat-12 ta' Dicembru 2007 dawn huma l-proprjetajiet li effettivament gew akkwistati minn Francesco u Rosa Buttigieg.'*. L-art ta' Wied Bingemma hi wahda mill-proprjetajiet li tissemma fin-nota tal-atturi tat-12 ta' Dicembru 2007 (fol. 267). Il-konvenuti ma jghidux li qatt kellhom il-pussess ta' din l-art. Indizju iehor li m'huwiex verosimili li l-konvenuti u l-awturi kellhom il-pussess esklussiv tal-wirt kollu ta' Francesco u Rosa konjugi Buttigieg.

Inoltre, l-qorti tqies li d-dikjarazzjoni li ghamel Angelo Muscat fl-affidavit (fol. 233): *'Pero nixtieq inzid illi f'kaz illi xi hadd mill-atturi jista' jindika b'certezza fejn jinsabu dawn il-proprjetajiet, jiena ma nsib ebda diffikulta illi naqsam ma' l-atturi u dan skond l-ishma illi jirrizultaw.'*, ukoll m'hijiex kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva tal-kwoti ereditarji tal-partijiet l-ohra fil-kawza. Hekk ukoll in kontro-ezami xehed : *'L-atturi semmew art li jiena ma nafx fejn tinsab. Jekk inkunu nafu fejn hi jiena nippretendi li marti u ohtha ghandhom sehem minnha bhala werrieta ta' missierhom John Buttigieg.'* (fol. 619). Il-qorti tkompli ma tifhimx kif fid-dawl ta' dikjarazzjoni simili l-konvenuti jibqghu jsostnu l-preskrizzjoni akkwizittiva tal-kwota tal-werrieta l-ohra.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti moghtija fit-8 ta' Ottubru 2008, bl-ispejjez kontra taghhom u tordna lill-periti gudizzjarji sabiex ikomplu bl-inkarigu moghti lilhom permezz tad-digriet tas-17 ta' Lulju 2007 (fol. 247)**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------